



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 21 ta' Settembru 2022
(OR. en)

12652/22
ADD 1

Fajl Interistituzzjonali:
2022/0290(NLE)

SAN 524

NOTA TA' TRAŻMISSJONI

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
data meta waslet:	20 ta' Settembru 2022
lil:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
Nru dok. Cion:	COM(2022) 474 final
Suġġett:	ANNESS tal-Proposta għal Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar it-tisħiħ tal-prevenzjoni permezz tad-detezzjoni bikrija: Approċċ ġdid tal-UE għall-iskrinjar tal-kanċer li jissostitwixxi r-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill 2003/878/KE

Id-delegazzjonijiet isibu meħmuż id-dokument COM(2022) 474 final.

Mehmuż: COM(2022) 474 final



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 20.9.2022
COM(2022) 474 final

ANNEX

ANNESS

tal-

Proposta għal Rakkomandazzjoni tal-Kunsill

**dwar it-tisħiħ tal-prevenzjoni permezz tad-detezzjoni bikrija: Approċċ ġdid tal-UE
għall-iskrinjar tal-kanċer**

**li jissostitwixxi r-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill 2003/878/KE
replacing Council Recommendation 2003/878/EC**

{SWD(2022) 296 final}

ANNESS

Skrinjar tal-kanċers li jissodisfaw ir-rekwiżiti tar-rakkomandazzjoni u li l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi tagħhom se jkomplu jiġu speċifikati fil-linji gwida Ewropej bl-assigurazzjoni tal-kwalità:

Il-kanċer tas-sider:

L-iskrinjar għall-kanċer tas-sider fin-nisa li jibda mill-età ta' 45 sena sal-74 sena bil-mammografija diġitali jew tomosintezi diġitali tas-sider¹, u għan-nisa li jkollhom sider sfiq b'mod partikolari, jiġi kkunsidrat l-immaġni b'rizonanza manjetika (MRI), meta dan ikun xieraq medikalment.

Il-kanċer ċervikali:

L-ittestjar għall-virus tal-papilloma uman (HPV) għan-nisa bejn l-etajiet ta' 30 u 65 b'intervalli ta' 5 snin jew iżjed, u jiġi kkunsidrat li l-etajiet u l-intervalli jiġu addattati għar-riskju tal-individwi skont ikollhomx storja tal-vaċċinazzjoni kontra l-HPV.

Il-kanċer kolorettali:

L-ittestjar immunokimiku tal-feċi (FIT), kwantitattiv, bil-limiti ddefiniti skont is-sess u l-età u r-riżultat tat-test preċedenti huwa meqjus l-aħjar test tal-iskrinjar biex jiġu riferuti individwi ta' bejn l-etajiet ta' 50 u 74 sena għal kolonoskopija. Tista' tintuża l-endoskopija bħala l-għodda ewlenija, biex jiġu implimentati strateġiji kkombinati.

Kanċer tal-pulmun:

Meta jitqiesu l-evidenza favur l-iskrinjar permezz tat-tomografija kompjuterizzata b'dożaġġ baxx, u l-ħtieġa ta' approċċ pass pass, jenħtieġ li l-pajjiżi jittestjaw il-fattibbiltà ta' dan il-programm billi jużaw studji tal-implimentazzjoni flimkien ma' strateġiji ta' intervenzjoni ppjanati u organizzati għat-twaqqif tat-tipjip, jibdeu bin-nies li għadhom ipejpu u n-nies li waqfu jpejpu fl-aħħar 15-il sena, li għandhom bejn il-50 u l-75 sena u għandhom storja ta' tipjip ta' 30 sena ta' pakketti (l-ekwivalenti tat-tipjip ta' 20 sigarrett kuljum għal 30 sena)².

Kanċer tal-prostata:

Meta titqies l-evidenza u l-ammont sinifikanti ta' skrinjar opportunistiku li qed isir, jenħtieġ li l-pajjiżi jsegwu aproċċ pass pass li jinkludi testijiet pilota u aktar riċerka biex tiġi evalwata l-fattibbiltà tal-implimentazzjoni ta' programmi organizzati³ bil-għan li jiġu żgurati ġestjoni u kwalità xierqa abbażi tal-ittestjar tal-antiġeni speċifiku għall-prostata (PSA) għall-irġiel ta' età sa 70 sena, flimkien ma' test ta' segwitu addizzjonali ta' skannjar bl-immaġni b'rizonanza manjetika (MRI).

Kanċer tal-istonku:

¹ [European guidelines on breast cancer screening and diagnosis | ECIBC \(europa.eu\)](https://ecibc.europa.eu/)

² [Cancer screening – SAPEA](https://www.sapea.eu/cancer-screening-workshop-report-01.pdf)

³ [cancer-screening-workshop-report-01.pdf \(sapea.info\)](https://www.sapea.eu/cancer-screening-workshop-report-01.pdf)

Jenħtieġ li dawk il-pajjiżi jew ir-reġjuni f'pajjiżi li għandhom inċidenza kbira ta' kanċer tal-istonku u ta' mwiet minħabba fih jikkunsidraw li jwettqu l-iskrinjar għall-*Helicobacter pylori*, skont limiti li se jiġu ddefiniti fil-linji gwida Ewropej bl-assigurazzjoni tal-kwalità. Jenħtieġ li l-iskrinjar jindirizza wkoll strateġiji għall-identifikazzjoni u s-sorveljanza tal-pazjenti li jkollhom leżjonijiet fl-istonku prekanċerużi li ma għandhomx x'jaqsmu ma' infezzjonijiet bil-*Helicobacter pylori*.

Meta titqies l-evidenza favur l-iskrinjar u l-ħtieġa ta' aproċċ pass pass, jenħtieġ li l-pajjiżi jibdew jittestjaw il-fattibbiltà ta' dan il-programm, anki billi jużaw studji tal-implimentazzjoni.